MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2011

Appell Kriminali Numru. 70/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Degiorgio**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Degiorgio talli b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b-rizoluzzjoni wahda, bejn ix-xhur ta' Jannar 2010 sa Gunju 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Filippa Degiorgio u/jew lil uliedu s-somma ffissata min dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-31 ta’ Jannar 2011 li permezz taghha, wara li rat l-artikoli 338 (z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmi Emanuel Degiorgio hati u kkundannatu gimaghtejn detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Emanuel Degiorgio pprezentat fil-11 ta’ Frar 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu ghall-htija u thassarha u tirrevokaha billi tapplika piena inqas harxa;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan huwa appell mill-piena peress illi l-appellant iqis li din hija severa wisq. Jghid illi huwa mhuwiex jahdem, il-kirjiet li qed idahhlu l-konjugi qed tehodhom il-mara, u rregistra ammissjoni biex b’hekk ma qaghadx jahli l-hin tal-Qorti.

**6.** Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta’ appell ma jidhlux f’ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Barra minn hekk ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b’xi forma ta’ dritt jew awtomatikament, tissarraf f’riduzzjoni fil-piena.

**7.** Imbaghad dwar il-fattur tax-xoghol il-gurisprudenza in materja hija llum wahda ormai stabbilita u maghrufa. Hekk

fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Saliba** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 1998, gie ritenut li jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat meta din tisfa dizokkupata, ir-rimedju hu li dik il-persuna tadixxi **"tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment"**. Hu biss wara li dik il--persuna tottjeni tali modifika li tkun tista' thallas inqas, jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' 1-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet. L-appellant, li ammetta l-imputazzjoni, fl-ebda istanza ma stqarr illi inizja proceduri ghal tali modifika. Barra minn hekk, l-allegazzjoni li martu qed tippercepixxi xi kirjiet tibqa' biss allegazzjoni.

**8.** Fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju 2011 l-appellant hallas lil martu s-somma ta' €95 ghax-xahar ta' Gunju 2010. Jidher li dan kien dovut ghall-fatt li haseb li c-citazzjoni odjerna kienet tirrigwarda dak ix-xahar biss u njora l-korrezzjoni li kienet saret quddiem l-ewwel Qorti biex jigu nkluzi wkoll ix-xhur ta' Jannar 2010 sa Mejju 2010. Kwindi l-ammont ta' €475 ghal dawk ix-xhur baqa' dovut. Din il-Qorti akkordat lill-appellant differiment iehor sabiex ikun jista' jaghmel il-pagament opportun, izda fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2011 id-difiza nfurmat lill-Qorti li l-appellant ma kellux mnejn ihallas l-imsemmi bilanc.

**9.** Din il-Qorti tqis li bhalma l-appellant hallas ghal xahar wiehed, l-ghaqal kien jiddetta li jhallas anke ghax-xhur l-ohra, naturalment meta l-manteniment kien dovut u mhux joqghod jistenna li jittiehdu proceduri kontra tieghu u sahansitra jistenna l-istadju ta' l-appell. Inoltre mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant jidher almenu *prima facie* li l-appellant diga` nstab hati tmien darbiet minhabba nuqqas ta' hlas ta' manteniment. Jigifieri n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment sar xi haga abitwali. Kwindi ma jistax issa jippretendi l-klemenza tal-Qorti.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------